# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1472/00mm**

**United Acceptances Finance Limited**

**vs**

**Camille Pitre'**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm268.21) bilanc minn somma akbar, import ta' kambjali

iffirmati u accettati mill-konvenuta, kopji ta' liema kambjali annessi u immarkati Dok '1' sa' '3', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostnte li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas.

Bl- imghaxijiet, mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha nkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fis- 6 ta' Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit / Dep Reg